

Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli f'isem l-UE dwar l-allinjament ta' ċerti pajjiżi b'rabta ma' miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

Fid-29 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1705¹.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tassar l-entrata għal persuna waħda u żżomm il-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet l-oħra kollha msemmija fil-listi li jinsabu fl-Annessi II u IV tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.

L-Albanija, l-Armenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Georgia, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, il-Moldova (Repubblika tal-), il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, in-Norveġja, is-Serbja u l-Ukrajna jallinjaw ruħhom ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Huma ser jiżguraw li l-politika nazzjonali tagħhom tikkonforma ma' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill.

L-Unjoni Ewropea tiegħu nota ta' dan l-impenn u tilqgħu b'sodisfazzjon.

¹ĠU L, 2025/1705, 30.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2025/1705/oj